

Brussell, 22 ta' Novembru 2022
(OR. en)

14440/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0277(COD)

AUDIO 108
CODEC 1806
DIGIT 220
MI 855
DISINFO 93
FREMP 243
COMPET 931
EDPS 4
DATAPROTECT 328
JAI 1515
SERVICES 28
POLGEN 151

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	12413/22
Suġġett:	Regolament li jistabbilixxi l-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media – Rapport ta' progress

1. Fis-16 ta' Settembru 2022, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas komuni għas-servizzi tal-media fis-suq intern (l-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media, EMFA) u li jemenda d-Direttiva 2010/13/UE¹. Il-proposta kienet akkumpanjata minn Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar salvagwardji interni għall-indipendenza editorjali u t-trasparenza tas-sjieda fis-settur tal-media, u Valutazzjoni tal-Impatt.

¹ Dok. 12413/22 – COM (2022) 457 final

2. Fil-21 ta' Settembru 2022, il-proposta għal EMFA ġiet ippreżentata fil-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Coreper).
3. Il-Grupp ta' Ħidma dwar is-Settur Awdjoviżiv u l-Media (AVMWP) eżamina t-test tal-proposta leġislattiva (b'mod partikolari l-Artikoli 1 sa 24) f'għadd ta' laqgħat bejn Settembru u Novembru 2022².
4. Sadanittant, il-Kunsill nieda l-konsultazzjoni obbligatorja tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew³ u l-konsultazzjoni fakultattiva tal-Kumitat tar-Regjuni⁴.
5. Il-Parlament Ewropew ħabbar il-proposta fis-sessjoni plenarja tas-17 ta' Ottubru 2022. Il-proċess tal-għażla tal-Kumitat ewlieni, tal-Kumitati li għandhom jiġu kkonsultati u tar-Rapporteur għadu ma ġiex iffinalizzat.
6. Il-Coreper huwa mistieden jibgħat ir-Rapport ta' Progress meħmuż dwar l-EMFA, kif imħejji mill-Presidenza, lill-Kunsill bil-ħsieb li jinforma lill-Ministri dwar il-ħidma mwettqa u l-progress li sar s'issa fuq din il-proposta.

² Il-Grupp ta' Ħidma dwar is-Settur Awdjoviżiv u l-Media eżamina l-Valutazzjoni tal-Impatt fil-laqgħa tiegħu tad-29 ta' Settembru 2022

³ Artikolu 114 TFUE

⁴ Artikolu 307 TFUE u l-Artikolu 19(7)(h) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill

L-ATT EWROPEW DWAR IL-LIBERTÀ TAL-MEDIA (EMFA)**RAPPORT TA' PROGRESS MILL-PRESIDENZA****I. INTRODUZZJONI****1. Sfond**

Fit-3 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni ppreżentat il-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea ("il-Pjan") bl-għan li jagħti s-setgħa liċ-ċittadini u jibni demokraziji aktar reżiljenti fl-UE kollha. Il-pilastri inklużi fil-Pjan jiffokaw fost l-oħrajn fuq it-tisħiħ tal-libertà u l-pluraliżmu tal-media kif ukoll fuq il-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni.

Fid-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni fil-15 ta' Settembru 2021, il-President tal-Kummissjoni Ewropea, is-Sa Ursula von der Leyen, enfasizzat li l-Ewropa teħtieġ liġi li tissalvagwardja l-indipendenza tal-media u indikat li l-Kummissjoni ser tippreżenta proposta għal leġiżlazzjoni fl-2022 fil-forma ta' Att dwar il-Libertà tal-Media.

Saret konsultazzjoni pubblika mill-10 ta' Jannar 2022 sal-21 ta' Marzu 2022. Il-konsultazzjoni kienet maħsuba biex tiġbor fehmiet dwar l-aktar kwistjonijiet importanti li jaffettwaw il-funzjonament tas-suq intern tal-media. Din kopriet għażliet ta' governanza u tliet oqsma ewlenin li jappartjenu għas-swieq tal-media:

- l-indipendenza u l-pluraliżmu tal-media (eż. l-iskrutinju tat-tranżazzjonijiet fis-suq tal-media, it-trasparenza tas-sjieda tal-media u l-kejl tal-udjenza);
- il-kundizzjonijiet għall-funzjonament b'saħħtu tagħhom (eż. l-esponiment tal-pubbliku għal pluralità ta' fehmiet, l-innovazzjoni tal-media fis-suq tal-UE, il-kooperazzjoni regolatorja);
- allokazżjoni ġusta tar-riżorsi tal-istat (eż. l-indipendenza tal-media tas-servizz pubbliku, it-trasparenza u d-distribuzzjoni ġusta tar-reklamar mill-istat).

Fis-16 ta' Settembru 2022, il-Kummissjoni ppreżentat Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi qafas komuni għas-servizzi tal-media fis-suq intern (l-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media, EMFA) u li jemenda d-Direttiva 2010/13/UE⁵. Fl-istess jum, ġiet adottata Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar salvagwardji interni għall-indipendenza editorjali u t-trasparenza tas-sjieda fis-settur tal-media.

2. Il-proposta tal-Kummissjoni u l-valutazzjoni tal-impatt

L-EMFA għandu l-għan li jtejjeb il-funzjonament tas-suq intern tal-media. Il-proposta hija msejsa fuq erba' objettivi speċifiċi:

- trawwim ta' attività u investiment transfruntieri fis-servizzi tal-media
- żieda fil-kooperazzjoni u l-konverġenza regolatorji
- faċilitazzjoni tal-forniment ta' servizzi tal-media ta' kwalità
- żgurar ta' allokazzjoni trasparenti u ġusta tar-riżorsi ekonomiċi

Ir-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt dwar l-EMFA spjega l-għażla tal-bażi legali u l-konformità tal-proposta mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità.

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar salvagwardji interni għall-indipendenza editorjali u t-trasparenza tas-sjieda fis-settur tal-media tistipula ġabra ta' Prattiki tajbin volontarji biex il-kumpaniji tal-media jippromwovu l-indipendenza editorjali u rakkomandazzjonijiet lill-kumpaniji tal-media u lill-Istati Membri u għandha l-għan li żżid it-trasparenza tas-sjieda tal-media. Ir-Rakkomandazzjoni tiffoka fuq il-kontribut għall-mitigazzjoni tar-riskji ta' interferenza mhux xierqa f'deċiżjonijiet editorjali individwali u fuq it-titjib tal-aċċess għal informazzjoni dwar is-sjieda tal-media.

⁵ Dok. 12413/22 – COM (2022) 457 final

3. Istituzzjonijiet/korpi oħrajn

Fir-rigward tas-sitwazzjoni attwali fil-Parlament Ewropew (PE), il-proposta għal Regolament EMFA tħabbret fis-sessjoni plenarja tal-PE fis-17 ta' Ottubru 2022. Il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni (CULT) għandu jkun il-Kumitat ewlieni u l-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (IMCO) u l-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE) ser jiġu kkonsultati. Il-proċess tal-għażla ser jiġi ffinalizzat fi żmien xieraq. Ir-rapporteur għall-fajl għall-fajl għadu ma nħatarx.

Skont l-Artikolu 114 TFUE, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) għandu jiġi kkonsultat, u għalhekk tnieda l-proċess ta' konsultazzjoni.

Filwaqt li l-konsultazzjoni tal-Kumitat tar-Regġuni (KtR) hija fakultattiva, fil-proposta tagħha l-Kummissjoni ssuġġeriet li jiġi kkonsultat. Fis-16 ta' Novembru 2022, u fuq il-bażi tal-Artikolu 307 TFUE u l-Artikolu 19(7)(h) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Coreper) iddeċieda li jikkonsulta lill-KtR.

La l-KESE u lanqas il-KtR għadhom ma pprovdew l-opinjoni tagħhom dwar il-proposta għal EMFA.

II. ĦIDMA MWETTQA FIL-KORPI PREPARATORJI TAL-KUNSILL

Matul il-Preidenza Ċeka, kien hemm preżentazzjoni inizjali tal-proposta għal EMFA fil-Coreper fil-21 ta' Settembru 2022.

Sussegwentement, il-Grupp ta' Ħidma dwar is-Settur Awdjoviżiv u l-Media eżamina l-proposta tal-Kummissjoni f'għadd ta' laqgħat li saru bejn Settembru u Novembru 2022.

Fid-29 ta' Settembru 2022, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta għal EMFA flimkien mal-valutazzjoni tal-impatt u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar salvagwardji interni għall-indipendenza editorjali u t-trasparenza tas-sjieda tas-settur tal-media lill-Grupp ta' Ħidma dwar is-Settur Awdjoviżiv u l-Media. Id-delegazzjonijiet imbagħad esprimew il-kummenti ġenerali tagħhom dwar il-proposta għal EMFA. Għadd kbir ta' Stati Membri esprimew l-appoġġ tagħhom għall-oġettivi ġenerali tal-Att u ddikjaraw li huwa meħtieġ eżami ulterjuri ta' Artikoli speċifiċi.

Fil-laqgħat tat-13 u l-25 ta' Ottubru u tat-8 u s-16 ta' Novembru 2022, il-Grupp ta' Ħidma dwar is-Settur Awdjoviżiv u l-Media eżamina fid-dettall id-dispożizzjonijiet sostantivi kollha tal-EMFA (Artikoli 1-24).

Għadd ta' delegazzjonijiet żammew riżervi ta' skrutinju ġenerali u speċifiċi fir-rigward tal-EMFA.

III. REAZZJONIJIET EWLENIN TAD-DELEGAZZJONIJIET

Ir-reazzjonijiet ewlenin tad-delegazzjonijiet dwar l-EMFA jistgħu jinġabru taħt il-kwistjonijiet ewlenin li ġejjin:

1. Bażi legali

Il-bażi legali proposta mill-Kummissjoni għall-EMFA hija l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li jipprevedi l-adozzjoni ta' miżuri għall-approssimazzjoni tad-dispożizzjonijiet stabbiliti b'liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fl-Istati Membri li bħala objettiv ikollhom l-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern. Il-proposta għal EMFA għandha l-għan li tindirizza l-approċċi regolatorji nazzjonali frammentati relatati mal-libertà u l-pluraliżmu tal-media u mal-indipendenza editorjali li jaffettwaw il-funzjonament tas-suq intern.

Filwaqt li l-kwistjoni tal-bażi legali għadha ma ġietx eżaminata speċifikament mill-Grupp ta' Ħidma dwar is-Settur Awdjoviżiv u l-Media, diversi Stati Membri esprimew interess biex jifhmu l-użu tal-Artikolu 114 TFUE bħala l-bażi legali għall-EMFA, speċjalment rigward ir-rabta bejn il-proposta u s-suq intern, kif ukoll il-kompetenza tal-Unjoni li tilleġiżla dwar il-kwistjonijiet kollha li huma koperti mill-EMFA. Intalbet opinjoni tas-Servizz Legali tal-Kunsill (SLK) dwar dawn il-kwistjonijiet. Is-SLK bħalissa qed jeżamina l-bażi legali proposta għall-EMFA.

2. Kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

a) Relazzjoni ma' strumenti legali oħra

Diversi Stati Membri qajmu mistoqsijiet dwar ir-relazzjoni eżatta bejn id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva (AVMSD, 2010/13) u l-EMFA, b'mod partikolari fil-kuntest tal-Artikolu 1(2) tal-EMFA, fejn l-AVMSD ma tissemmiex fil-lista ta' atti leġislattivi mhux affettwati mill-EMFA. L-EMFA taffettwa l-AVMSD, b'mod partikolari billi temenda l-Artikolu 30b tagħha dwar l-istabbiliment, il-kompożizzjoni u l-kompiti tal-Grupp ta' Regolaturi Ewropej għas-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva (ERGA). Is-SLK spjega li minbarra li jemenda l-Artikolu 30b tal-AVMSD, l-EMFA għandu wkoll impatt fuq dispożizzjonijiet oħra tal-AVMSD b'rabta mar-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet jew il-korpi regolatorji nazzjonali msemmijin fl-Artikolu 30 tal-AVMSD (ara b'mod partikolari l-Artikoli 7(1), 7(2), 13(1), 13(4) u 14(1) tal-EMFA).

b) Livell minimu ta' armonizzazzjoni

L-EMFA jsegwi approċċ ta' armonizzazzjoni minima fir-rigward ta' ċerti aspetti tas-suq intern tas-servizzi tal-media. L-Istati Membri huma liberi li jadottaw regoli aktar dettaljati f'xi oqsma kif stipulat fl-Artikolu 1(3) tal-EMFA. B'rabta ma' dan, xi Stati Membri jippreferu ma jillimitawx din il-possibbiltà għall-oqsma msemmijin fl-Artikolu 1(3), iżda jixtiequ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jadottaw regoli aktar dettaljati f'oqsma oħra ta' politika indirizzati mill-EMFA, eż. ir-reklamar mill-istat. Xi Stati Membri ssuġġerew ukoll li tiżdied "aktar stretti" mal-espressjoni "regoli aktar dettaljati", peress li huma tal-fehma li regoli dettaljati mhux neċessarjament ifissru regoli aktar stretti.

c) Editur, deċiżjoni editorjali, responsabbiltà editorjali

L-Artikolu 2 tal-EMFA jipprovdi definizzjonijiet għal "editur", "deċiżjoni editorjali" u "responsabbiltà editorjali". Dawn it-tliet definizzjonijiet huma interkonnessi.

Diversi Stati Membri talbu kjarifika dwar min huwa kopert mid-definizzjoni ta' "editur" u jekk din tikkonċernax biss kapijiet edituri jew ukoll edituri oħra. Fil-proposta, id-definizzjoni ta' "responsabbiltà editorjali" tirreferi għall-"eżerċitar ta' kontroll effettiv fuq l-għażla tal-programmi jew tal-pubblikazzjonijiet tal-istampa u anki fuq l-organizzazzjoni tagħhom, bl-iskop ta' forniment ta' servizzi tal-media".

d) Reati kriminali serji

L-Artikolu 2(17) tal-EMFA jipprovdi lista ta' reati kriminali koperti mill-kunċett ta' "reat serju" għall-finijiet tal-proposta. Jirreferi għal uħud mir-reati kriminali kif elenkati fl-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri. Filwaqt li xi Stati Membri staqsew dwar l-għażla tar-reati kriminali elenkati fid-definizzjoni u qiesu li din tista' tiġi estiża, diversi Stati Membri oħra qajmu l-kwistjoni tas-sussidjarjetà minħabba l-interazzjoni mal-proċedura kriminali nazzjonali.

3. Drittijiet tal-fornituri tas-servizzi tal-media

L-Artikolu 4(2) tal-EMFA jiddikja li l-Istati Membri għandhom jirrispettaw il-libertà editorjali effettiva tal-fornituri tas-servizzi tal-media. Jipprevedi wkoll projbizzjoni fuq id-detenzjoni, is-sanzjonar, l-interċettazzjoni, is-soġġettar għal sorveljanza jew għal tfittix u qbid, jew l-ispezzjoni ta' fornituri tas-servizzi tal-media jew, jekk applikabbli, lill-membri tal-familja tagħhom, lill-impjegati tagħhom jew lill-membri tal-familja tagħhom, jew il-binjiet korporattivi u privati tagħhom, jekk dawn ma jiżvelawx informazzjoni dwar is-sorsi tagħhom, diment li dan ma jkunx ġustifikat minn rekwiżit prevalenti fl-interess pubbliku. Jintroduċi wkoll restrizzjonijiet fuq l-użu ta' "spyware f'xi apparat jew magna użata mill-fornituri tas-servizzi tal-media jew, jekk applikabbli, mill-membri tal-familja tagħhom, jew mill-impjegati tagħhom jew mill-membri tal-familja tagħhom, sakemm l-użu ma jkunx ġustifikat, abbażi ta' każ b'każ" għal għadd ta' raġunijiet, li huma elenkati b'mod eżawrjenti fl-Artikolu 4.

Xi Stati Membri qajmu mistoqsijiet dwar il-konflitt potenzjali bejn l-Artikolu 4(2)(c) tal-EMFA u l-liġi kriminali nazzjonali rispettiva tagħhom, u b'hekk indikaw il-ħtieġa għal eżami intern ulterjuri fil-livell nazzjonali.

Diversi Stati Membri enfasizzaw li jenħtieġ jiġi ċċarat aktar il-kunċett ta' "impjegati" u "membri tal-familja" fl-Artikolu 4(2)(b) u (c) u 4(3) tal-EMFA, għax dawn il-persuni mhux kollha huma involuti f'attivitajiet relatati mal-kontenut tal-media.

4. Dmirijiet tal-fornituri tas-servizzi tal-media li jipprovdu kontenut tal-aħbarijiet u tal-ġrajjet kurrenti

L-Artikolu 6 tal-EMFA jimponi dmir fuq il-fornituri tas-servizzi tal-media li jipprovdu kontenut tal-aħbarijiet u tal-ġrajjet kurrenti biex jagħmlu l-informazzjoni dwar is-sjeda tagħhom faċilment u direttament aċċessibbli għar-riċevituri tas-servizzi tagħhom kif ukoll biex jieħdu miżuri li huma jqisu xierqa biex jiggarrantixxu l-indipendenza ta' deċiżjonijiet editorjali individwali. Diversi Stati Membri semmew il-fatt li huma biss il-fornituri tas-servizzi tal-media li jipprovdu aħbarijiet u ġrajjet kurrenti li huma koperti b'mod partikolari mill-Artikolu 6 tal-EMFA, u talbu wkoll kjarifika dwar liema entitajiet jikkwalifikaw bħala fornituri tas-servizzi tal-media li jipprovdu aħbarijiet u ġrajjet kurrenti.

Fl-Artikolu 6(3) tal-EMFA l-Istati Membri kkunsidraw il-vantaġġi u l-iżvantaġġi li jkun hemm eżenzjoni għall-mikrointrapriżi skont it-tifsira tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2013/34/UE. Minn naħa, tali eżenzjoni tista' tnaqqas il-piż amministrattiv għall-mikrointrapriżi iżda, min-naħa l-oħra, in-nuqqas ta' eżenzjoni għall-mikrointrapriżi jgħolli l-livell ta' trasparenza fir-rigward tas-sjeda, kif ukoll il-livell ta' indipendenza editorjali, tal-fornituri kollha tas-servizzi tal-media li jipprovdu kontenut ta' aħbarijiet u ġrajjet kurrenti.

5. Il-Bord Ewropew għas-Servizzi tal-Media

L-Artikolu 8 tal-EMFA jistabbilixxi l-Bord Ewropew għas-Servizzi tal-Media ("il-Bord"), li jissostitwixxi l-Grupp ta' Regolaturi Ewropej għas-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva (ERGA) stabbilit bl-AVMSD. Skont l-Artikolu 9 tal-EMFA l-Bord għandu jaġixxi b'indipendenza sħiħa meta jwettaq il-kompiti tiegħu jew jeżerċita s-setgħat tiegħu. Diversi Stati Membri qajmu mistoqsijiet dwar l-indipendenza tal-Bord, b'mod partikolari fir-rigward tal-Kummissjoni, fid-dawl tal-livell propost ta' involviment tal-Kummissjoni f'ċerti każijiet, inkluż fejn id-deċiżjoni jew l-opinjoni tal-Bord ser tittieħed "bi qbil mal-Kummissjoni".

Fir-rigward tal-Artikolu 12 tal-EMFA, diversi Stati Membri ssuġġerew li t-test għandu jiddikjara b'mod espliċitu li l-Bord jista' jaġixxi fuq inizjattiva tiegħu stess.

6. Koordinazzjoni ta' miżuri li jikkonċernaw lill-fornituri tas-servizzi tal-media stabbiliti barra mill-Unjoni

L-Artikolu 16 tal-EMFA jiddikjara li l-Bord għandu jikkoordina l-miżuri tal-awtoritajiet jew tal-korpi regolatorji nazzjonali f'każijiet fejn it-tixrid tas-servizzi tal-media jew l-aċċess għalihom jiġi pprovdut minn fornituri tas-servizzi tal-media li huma stabbiliti barra mill-Unjoni, f'każijiet fejn dawk is-servizzi tal-media "jippreġudikaw jew jippreżentaw riskju serju u gravi ta' preġudizzju għas-sigurtà pubblika u d-difiża".

F'dan ir-rigward, l-Istati Membri ddiskutew l-aspetti prattiċi tal-azzjonijiet koordinati fost l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u r-relazzjoni bejn l-Artikolu 16 tal-EMFA u s-sanzjonijiet reċenti b'rabta mal-media li ġew imposti mill-Kunsill skont bażi legali differenti. Xi Stati Membri talbu aktar kjarifiki dwar il-proċeduri ta' koordinazzjoni u l-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri li jistgħu jittieħdu. It-terminu "riskju għas-sigurtà pubblika u d-difiża" qajjem ukoll mistoqsijiet u talbiet għal kjarifiki minn xi Stati Membri.

7. Allokazzjoni tar-reklamar mill-istat

L-Artikolu 24(2) jiddikjara li "l-awtoritajiet pubbliċi, inkluż il-gvernijiet nazzjonali, federali jew reġjonali, l-awtoritajiet regolatorji jew il-korpi, u l-intrapriżi tal-istat jew entitajiet oħra kkontrollati mill-istat fil-livell nazzjonali jew reġjonali, jew gvernijiet lokali ta' entitajiet territorjali ta' aktar minn miljun abitant" għandhom, fost affarijiet oħra, jagħmlu disponibbli għall-pubbliku informazzjoni dwar in-nefqa tagħhom fuq ir-reklamar allokata lill-fornituri tas-servizzi tal-media. Saret diskussjoni dwar il-piż amministrattiv li jirriżulta minn dan il-limitu. Diversi Stati Membri esprimew l-opinjoni li, għall-fini ta' aktar trasparenza, il-limitu ta' miljun abitant għandu jitneħħa għalkollox jew jitbaxxa.